MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 608/2002/2

**Anthony Aquilina**

**vs**

**Ronald Debattista**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-27 ta` Mejju, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Fit-28 ta` Awissu, 1998 ghall-habta tal-21.50 ta` fil-ghaxija waqt illi l-attur kien qed isuq il-mutur tieghu Yamaha (FAF 775) gewwa t-Telgha t`Alla u Ommu, Naxxar sejjer fid-direzzjoni tan-Naxxar l-istess mutur safa` involut f`incident mal-vettura FIAT (DAN 227) li kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut Debattista gewwa Triq il-Fortizza tal-Mosta,

Naxxar li baqgha hiereg biex jibqa sejjer fid-direzzjoni tat-Triq D. Harrison, Naxxar ‘l hinn mill-inkrocju tat-toroq;

Kawza tal-imsemmi incident l-attur soffra danni mhux biss materjali izda ukoll personali tant li sofra debilita` permanenti serja fil-persuna tieghu tant illi kawza tal-incident mhux f`pozizzjoni li jkompli jesercita il-professjoni tieghu ta` kok;

L-incident in kwistjoni sehh unikament tort u htija tal-konvenut kawza tas-sewqan traskurat, negligenti u b`nuqqas ta` osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut li naqas illi jiehu l-prekawzjonijiet rikjesti mill-ligi waqt li javvicina inkrocju tat-toroq;

L-attur interpella lill-konvenut sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni bonarja u eventwali hlas tad-danni sofferti izda dan baqgha inadempjenti;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort u htija tal-konvenut.

2. tillikwida, okkorendo bl-opra ta` periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas id-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tal-14 ta` Gunju, 2000 kontra l-konenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni. Ghall-fini ta` kompetenza jigi dikjarat illi l-ammont pretiz jeccedi il-Lm5,000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha ecepixxa illi:

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tikun respinta billi l-incident awtomobilistiku in esami ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-eccipjent.

2. Ghalhekk it-tieni talba tal-attur ghandha tkun michuda billi ma hemmx danni x`jigu likwidati favur l-attur.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata stante li l-eccipjenti m`ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-31 ta` Jannar, 2003, li in forza tieghu inhatar bhala perit mediku Mr. Charles Grixti sabiex jezamina lill-attur u jirrelata fuq l-allegata dizabilita` permanenti tieghu;

Rat ir-rapportipprezentat mill-perit mediku fl-4 ta` April, 2003, u minnu mahluf fl-udjenza tat-18 ta` Gunju, 2004;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta` Awissu, 1998, ghall-habta tal-ghaxra neqsin ghaxra ta` fil-ghaxija. L-attur kien qed isuq mutur tat-tip Yamaha (numru FAF 775) tiela t-telgha ta` Alla u Ommu gewwa n-Naxxar. Il-konvenut kien qed isuq vettura tat-tip FIAT UNO (numru DAN 227) u kien gej mit-Triq il-Fortizza tal-Mosta, li hi triq li, ghal min ikun tiela t-telgha ta` Alla u Ommu, tigi fuq il-lemin. Il-konvenut hareg mit-Triq il-Fortizza bil-hsieb li jaqsam it-telgha ta` Alla u Ommu u jibqa` sejjer fid-dritt, go Triq D. Harrison Smith. Il-

kollizzjoni sehhet fl-inkrocju ta` dawn it-toroq. Fl-incident, l-attur gie mtajjar minn fuq il-mutur u sofra griehi gravi.

Biex sehh l-incident, jidher li ebda parti ma waqfet fl-inkrocju. L-attur jghid li hu kien tiela` t-telgha isegwi karozzi ohra, u ghalkemm kien qed isuq bi speed baxx, hu ma waqafx fl-inkrocju u baqa` jsuq wara l-karozzi ta` quddiemu. Il-konvenut, li kien hiereg min-naha tal-lemin tal-attur, jidher li hu ukoll ma waqafx fl-inkrocju, izda, baqa` hiereg ghal fuq l-attur. It-toroq in kwistjoni mhumiex toroq tal-istess importanza, peress illi fit-tarf tat-triq minn fejn hareg il-konvenut hemm stop sign.

Mix-xhieda okkulari li raw l-incident, jirrizulta a sodisfazzjon tal-Qorti, li l-attur kien qed isuq bi speed normali u fuq in-naha tax-xellug tieghu. Il-konvenut, min-naha tieghu, ma waqafx taht li-stop sign u hareg bi speed qawwi hafna. Li ma waqafx fli-stop sign hu kkonfermat mid-diversi xhieda li raw l-incident, inkluza Elaine Vella, li dak iz-zmien kienet it-tfajla tal-konvenut u kienet riekba mal-konvenut, u qalet li l-konvenut ma waqafx fil-kantuniera u baqa` hiereg. Ghalkemm din tighid li l-ispeed tal-konvenut kien wiehed normali, il-Qorti ma taqbilx ma dan, u tqies li l-ispeed tal-konvenut kien wiehed qawwi. Dan jirrizulta mix-xhieda ta` Emanuel u Antoinette Pace li kienu qed isuqu wara l-mutur tal-attur, u raw il-karozza tal-konvenut tohrog mill-genb bi speed qawwi hafna. Fuq il-post kien hemm persuna ohra li rat l-incident, certu Ruben Attard, li ghalkemm ma xehedx quddiem il-Qorti, kien ghamel stqarrija mas-Surgent tal-Pulizija li investiga l-kaz, u qal li ra l-karozza tal-konvenut *"emerging from Triq il-Fortizza tal-Mosta at high speed without stopping at Stop Sign"*. Mill-isketch li hejja s-Surgent tal-Pulizija u mir-rapport minnu mhejji, jirrizulta li l-vettura tal-konvenut waqfet il-boghod minn fejn sehh l-incident, madwar hamsin metru `l boghod, u halliet warajha brake-marks ta` madwar 30 metru; jidher, fil-fatt, li l-karozza tal-konvenut, l-ewwel halliet marki ta` 22.5 metri, habtet ma cint fuq ix-xellug taghha, u regghet halliet marki ta` 8 metri ohra qabel ma waqfet. Dan kollu jindika li l-ispeed tal-konvenut kien wiehed goff hafna, u zgur traskurat u eccessiv fil-lok tal-incident.

Il-griehi li sofra l-attur bl-incident u li gew deskritti mit-tabiba li ezaminatu fid-dipartiment tal-emergenza tal-isptar fejn l-attur ittiehed wara l-incident, bhala ta` natura gravi, wkoll jikkonfermaw li l-velocita` tal-konvenut ma kienetx wahda normali.

Wara l-incident, il-konvenut gie wkoll imharrek kriminalment talli ma waqafx fuq stop sign u talli kien qed isuq b`velocita` aktar minn dik regolamentari. Il-Qorti Kriminali tal-Magistrati, b`sentenza tad-29 ta` Mejju, 2002, sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontrih. Hu veru li l-process kriminali hu wiehed indipendenti minn dak civili, pero`, kif qalet din il-Qorti fil-kawza <u>“Briffa vs Abela”</u>, deciza fit-28 ta` Marzu, 2003, mhux eskluz li ssir riferenza ghall-gudizzju in sede penali, basta li dan jitqies li jikkostitwixxi biss <u>wahda</u> mill-provi li fuqhom il-Qorti tibbaza l-konsiderazzjonijiet taghha.

Il-konvenut allega illi kieku hu waqaf ezatt mal-istop sign, ma jkunx jista` jara ‘l isfel u ‘l fuq fit-telgha ta` Alla u Ommu, u ma jkunx jaf x`vetturi jkunu gejjin. Dan jista` jkun minnu, pero`, kieku waqaf ftit il-barra, kien ikun f`pozizzjoni li jara sew it-triq minghajr ma jinvadi t-triq principali. Il-konvenut, pero`, dan m`ghamlux, izda minflok baqa` hiereg ghad-dritt bi speed qawwi, inattez il-vetturi li kienu tielghajn it-telgha. Din kienet il-kawza prossima u immedjata tal-incident.

Il-Qorti, ghalhekk, tqies li responsabbli ghall-incident ghandu jinstab unikament il-konvenut.

Ghar-rigward tad-danni jirrizulta li l-attur kellu 48 sena meta sehh l-incident. Minhabba l-incident hu spicca b`sieq wahda sitt centimetri aqsar mill-ohra. Mill-ewwel darba li dahal l-isptar ghamel gia 19-il operazzjoni, u jrid jaghmel zgur ohra, peress li ghad ghandu l-hadid fl-irkoppa. Il-perit mediku nominat mill-Qorti qies li l-attur qed isofri minn dizabilita` permanenti ta` 18%.

Id-determinazzjoni tal-*quantum* tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola

stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta` qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta` l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta` din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja.

Il-principji ghandhom jigu segwiti gew stabbiliti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Butler vs Heard”, deciza fit-22 ta` Dicembru, 1967. Minn dak iz-zmien, ovvjament, saru riformi u anke emiljoramenti fuq is-sistema ta` multiplier li introduciet dik is-sentenza. Hekk, per ezempju, ic-ceiling tal-*working life expectancy* tal-vittma, fejn qabel dan qatt ma kien jaccedi l-20 sena, illum, specjalment fid-dawl tas-sentenza “Bugeja vs Agius”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta` Lulju, 1991, is-sitwazzjoni tbiddlet u m`hemmx limitu impost, u l-multiplier gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta` ta` illum u aspettattiva aktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Kien u ghadu principju, pero`, li l-multiplier m`ghandux ikopri l-*working life expectancy* fil-massimu tieghu. Wiehed m`ghandux jikalkula l-multiplier a bazi ta` kemm fadallu hajja lavorattivi l-vittma, u dan *“minhabba l-kontingenzi tal-hajja futura”* – ara “Caruana vs Camilleri”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta` Frar, 2004 (f`dik il-kawza, f`kaz ta` persuna ta` 30 sena meta sehh l-incident, il-Qorti adottat multiplier ta` 25).

Intqal a propositu:

*“The multiplier will be less than the average working life expectancy of a person of that age but the theory of the matter is that the income from the capital`s sum, supplemented by drawings on the capital, will provide the plaintiff with the equivalent of his total net earnings throughout the period. Furthermore such an award* (li

tiehu hajja lavorattiva massima) *would make no allowance for the "vicissitudes of life" (eg. Premature death) which may affect the plaintiff after the accident or which might have affected him but for the accident. In other words, the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income".* (The Law of Tort – W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p. 228).

Dan il-principju jidher li hu principju san u aktar jirrispekkja r-realta`, u hu principju li din il-Qorti, kif presjeduta, dejjem adottat f`sitwazzjoni kongruwi. Il-Qorti, ghalhekk, fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet, tqies li ghandha, f`dan il-kaz, tadotta multiplier ta` 7.

Ghar-rigward tad-dhul tal-attur, hu ormaj pacifikament stabbilit illi *"id-dizabilita` timplika nuqqas ta` opportunitajiet ta` xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta` ghazla huwa ta` zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta` opportunitajiet ta` qliegh ahjar f`xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita` fizika, senjatament f`kaz ta` xoghol manwali, bhal dak ta` l-attur appellat"* **"Gatt vs Carbone"**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Lulju, 1998;

Issokta jigi deciz illi *"l-Qorti kellha necessarjament tillimita l-konsiderazzjoni taghha ghall-kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-danneggjat bhala rizultat dirett ta` l-incident kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilita` permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorattiva tieghu. Dan mhux biss attwalment fic-cirkostanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma wkoll potenzjalment f`kull attivita` ohra lavorattiva ghalih miftuha"* - **"Galea vs Mizzi et"**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-23 ta` April, 2001;

L-attur, f`dan il-kaz, kien jahdem bhala chef; fil-fatt, hu dejjem f`dak il-mestjier hadem u jghid li dak it-tip ta` xoghol biss jaf jaghmel. Wara l-incident, hu gie *boarded out* u qed jiehu Lm136 fix-xahar bhala *invalidity persion;* fl-

2007 il-pozizzjoni tieghu bhala *invalid* trid tigi kkunsidrata mill-gdid.

Fuq il-materja tal-*invalidity persion,* gie deciz li *"l-ammont li wiehed jipperupixxi mill-Fond tan-National Insurance matul il-hajja lavorattiva tieghu ma ghandhomx jivvantaggjaw lid-danneggjant, ghaliex dan huwa l-korrispettiv tal-kontribuzzjonijiet li, ghalhekk, m`ghandhomx jiffavorixxa lid-danneggjat ghall-istess raguni"* – "Pace vs Abela", deciza minn din il-Qorti fil-21 ta` Mejju, 1993.

Id-dhul tal-attur qabel l-incident, gie indikat li kien ta` Lm65 fil-gimgha, u dana fuq bazi tax-xoghol *full-time*. Fid-determinazzjoni tar-rizorcitorju, wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li s-salarji ghandhom tendenza li jizdiedu, anke biex ikopru zieda fir-rata tal-inflazzjoni, u li ma jistax jigi eskluz li l-attur, kieku ma sofrix id-dizabilita`, seta` avvanza fil-karriera u b`hekk jgholli l-introjtu tieghu. Il-Qorti, ghalhekk, sejra tibbaza l-kalkoli taghha fuq dhul annwali ta` Lm5,000. Minn din il-figura, m`ghandu jsir ebda tnaqqis la minhabba it-Taxxa fuq id-Dhul li jithallas minn kull persuna li jkollha xoghol rimunerattiv (ara "Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Jannar, 1972), u lanqas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali (ara "Caruana vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta` Novembru, 1983).

Kwindi l-kumpens dovut lill-attur ghandu jigi kkalkolat hekk:

Lm5,000 x 7 x 18% = Lm6,300

Peress li l-hlas sejjer isir f`somma wahda u f`daqqa, ghandu jsir tnaqqis minhabba *lump sum payment*. Din generalment tkun ta` 20%, pero`, peress li l-incident sehh tmien snin ilu, deduzzjoni ta` 4% aktar taghmel sens (ara, fuq dan il-punt, "Borg vs Caruana", deciza minn din il-Qorti fid-19 ta` Frar, 1993, u "Xuereb vs Xuereb", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-5 ta` Ottubru, 1995, fost ohrajn). Dan igib li l-ammont ta` *lucrum cessans* qed jigi ffissat fis-somma ta` Lm6,048.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta` Lm6,048 (sitt elef u tmienja u erbghin liri Maltin) in linea ta` danni, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------